MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Numru 580/2004

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
RACHAD MABROUK

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, Rachad Mabrouk, ta’ 32 sena, iben El Arabi u Arbija ne’ Sherif, imwieled Tripoli fit-22 ta’ Gunju 1982 u residenti fil-prezenti ‘114’, Saint Albert Street, Gzira. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 154699(M)

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess amissjoni fis-seduta tad-9 ta’ April 2008;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat Rachad Mabrouk, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 261, 267, 279(a), 280, 289 Artiklu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal erbatax–il xahar prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti semghat l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputat, rat il-fedina penali raffrettarja tieghu u l-fatt illi l-imputat huwa dipendenti fuq id-droga eroina u ma jidhirx illi jista’ jehles min din id-dipendenza minn rajh.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tirrakomanda lill-imputat isegwi l-programm fi hdan l-istess Facilita’ Kollettiva ta’ Kordin u ghal dan il-ghan tordna notifika ta din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita’ Kollettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------